ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**1.** Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u l-istudenti jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

| **L-Istruzzjonijiet għall-Ewwel u t-Tieni Silta:** | |
|---|---|
| **1.** | ▪ L-istudenti jintalbu jifthu l-karta.<br>▪ L-għalliema jaqraw is-silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| **2.** | ▪ Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tas-silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| **3.** | ▪ L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba.<br>▪ L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## L-Ewwel Silta

# In-Naħal

Meta jgħidulek "bieżel daqs naħla" ikunu qegħdin jgħaddulek kumpliment sabiħ għax in-naħal huwa insett li jgħaddi ħajtu jaħdem. In-naħal jipproduċi l-għasel biex jitimgħu lid-dudu li mbagħad isir naħla.

Huwa jgħaddi parti kbira minn ħajtu jittajjar bejn ix-xehda u l-fjuri biex jiġbor in-nektar. Fix-xehda grupp ieħor ta' naħal jibdel dan in-nektar f'għasel. L-għasel żejjed jinħażen biex jintuża meta fil-kampanja jkun hemm anqas fjuri mnejn jinġabar in-nektar.

Xi nies jaħsbu li f'Malta l-aktar għasel magħruf għal togħmtu hu dak tas-sagħtar. Dan jittieħed meta x-xtieli tas-sagħtar li jikbru fix-xagħri jkunu bil-fjuri. Ħafna jħobbu wkoll l-għasel li jkollu dik it-togħma speċjali ġejja mis-siġar tal-lariġ, tal-lumi u frott ieħor simili.

In-naħal huwa importanti wkoll għall-kampanja Maltija għax huwa jdakkar il-fjuri. Mingħajr in-naħal ħafna mill-fjuri ma jipproduċux żerriegħa u jispiċċaw jinqerdu.

Meta n-naħla tħossha mhedda din tagħti x-xewka. Għalhekk qatt m'għandek tgħolli jdejk meta xi naħla tibda ddur miegħek. F'każ li tagħtik ix-xewka, tagħfashiex iżda idlek ftit ingwent ta' kontra l-gdim.

**Taħriġ A:** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Biex juru bżulitek jistgħu jqabbluk ma' naħla. | **veru** | **falz** |
| **2.** | Ix-xehda hija l-post fejn jgħixu l-insetti kollha, inkluż in-naħal. | **veru** | **falz** |
| **3.** | Kulħadd jaqbel li l-għasel meħud mill-pjanti tas-sagħtar huwa l-itjeb. | **veru** | **falz** |
| **4.** | Il-fjuri huma importanti għan-naħal biex jipproduċi n-nektar. | **veru** | **falz** |
| **5.** | In-naħla tħossha mhedda meta tkun fil-periklu. | **veru** | **falz** |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## It-Tieni Silta

# Is-Sulfarina

Kienet ġurnata vaganza u Kevin kellu żewġt iħbieb mistiedna d-dar biex jgħaddu ftit tal-ħin flimkien. X'gost, ix-xogħol tal-iskola kien lest u setgħu jagħmlu li jridu! It-tlett itfal bdew jilagħbu fil-kċina, iħalltu d-dqiq mal-ilma, jagħġnuhom u jagħmlu l-għaġina.

Subgħajhom bdew jikluhom biex jixegħlu s-sulfarini. Omm Kevin kienet wissiethom biex ma jmissux is-sulfarini iżda t-tifel, biex juri lil sħabu kemm jaf, beda jqabbad sulfarina wara oħra. Omm Kevin kienet fuq u malli xammet ir-riħa tal-ħruq niżlet tiġri. Malli rat is-sulfarini maħruqin fuq il-mejda riedet tkun taf il-verità iżda kulħadd ċaħad. Għalhekk, wara li ħasbitha ftit, qaltilhom biex kull wieħed jagħżel sulfarina ġdida mill-kaxxa li kellha f'idha. It-tfal hekk għamlu. Qaltilhom li issa ta' min kienet l-itwal kien dak li ma qalx il-verità. Hekk kellu jinqabad il-giddieb!

Meta bdiet tkejjilhom sabet li taż-żewġt iħbieb ta' Kevin kienu ndaqs iżda ta' Kevin kienet iqsar. Kevin kien qabad u qata' biċċa mis-sulfarina li kellu għax beda jibża' li tiegħu se tkun itwal minn tal-oħrajn!

**Taħriġ B:** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✔ fil-kaxxa x-xierqa. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Kevin u ż-żewġt iħbieb tiegħu ntasbu jilagħbu fil-kċina ladarba | | temmew xogħolhom. |
| | | | riedu jgħallu l-għaġin. |
| | | | riedu jissuttaw lil xulxin. |
| | | | |
| **2.** | Meta xammet ir-riħa, omm Kevin niżlet minn fuq | | sparata. |
| | | | ixxamplata. |
| | | | tfekren. |
| | | | |
| **3.** | Omm Kevin riedet tkun taf min kien li qabbad is-sulfarini u kulħadd beda | | jċanfar lil Kevin. |
| | | | jwaħħal f'Kevin. |
| | | | jiċħad li kien hu. |
| | | | |
| **4.** | It-tfal kollha għażlu sulfarina ġdida mill-kaxxa u Kevin ipprova | | jiġbed l-attenzjoni ta' ħbiebu. |
| | | | jqarraq b'ommu. |
| | | | jaħraqha qabel ma jinqabad. |
| | | | |
| **5.** | Wisq probabbli b'din l-istorja omm Kevin kienet tħossha | | kburija b'binha. |
| | | | hienja b'binha. |
| | | | ddiżappuntata b'binha. |

**- TMIEM IL-KARTA -**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

IL-LI... 7 - 8

StudentBounty.com

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **IL-ĦIN: 15-il minuta** |
|---|---|---|

**L-Isem:**___________________________________ **Il-Klassi:** ___________

**MARKA**

**Il-Karta tal-Istudenti**

**Aħdem dan it-taħriġ skont is-siltiet li smajt**

**Taħriġ A:** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Biex juru bżulitek jistgħu jqabbluk ma' naħla. | **veru** | **falz** |
| **2.** | Ix-xehda hija l-post fejn jgħixu l-insetti kollha, inkluż in-naħal. | **veru** | **falz** |
| **3.** | Kulħadd jaqbel li l-għasel meħud mill-pjanti tas-sagħtar huwa l-itjeb. | **veru** | **falz** |
| **4.** | Il-fjuri huma importanti għan-naħal biex jipproduċi n-nektar. | **veru** | **falz** |
| **5.** | In-naħla tħossha mhedda meta tkun fil-periklu. | **veru** | **falz** |

**Taħriġ B:** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Kevin u ż-żewġt iħbieb tiegħu ntasbu jilagħbu fil-kċina ladarba | | temmew xogħolhom. |
| | | | riedu jgħallu l-għaġin. |
| | | | riedu jissuttaw lil xulxin. |
| **2.** | Meta xammet ir-riħa, omm Kevin niżlet minn fuq | | sparata. |
| | | | ixxamplata. |
| | | | tfekren. |
| **3.** | Omm Kevin riedet tkun taf min kien li qabbad is-sulfarini u kulħadd beda | | jċanfar lil Kevin. |
| | | | jwaħħal f'Kevin. |
| | | | jiċħad li kien hu. |
| **4.** | It-tfal kollha għażlu sulfarina ġdida mill-kaxxa u Kevin ipprova | | jiġbed l-attenzjoni ta' ħbiebu. |
| | | | jqarraq b'ommu. |
| | | | jaħraqha qabel ma jinqabad. |
| **5.** | Wisq probabbli b'din l-istorja omm Kevin kienet tħossha | | kburija b'binha. |
| | | | hienja b'binha. |
| | | | ddiżappuntata b'binha. |

**-Tmiem il-karta-**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: _____________**

## Għall-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

---

## Għall-għalliema:

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

## Kummenti:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

## Taqsima A

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**




Cassie Bernard, tfajla Amerikana ta' tlettax-il sena, kienet qiegħda titgħallem tirkeb iż-żiemel. L-għaxqa tagħha, fi tmiem il-ġimgħa, u fil-vaganzi, wara li tkun lestiet ix-xogħol tal-iskola, kienet li toħroġ biż-żiemel u tqattagħlek l-isbaħ sagħtejn titgħallem is-sengħa tal-irkib. Għodwa minnhom, waqt waħda minn dawn il-lezzjonijiet, seħħet ġrajja li ġġiblek **għajnejk wara widnejk**. **(par. 1)**

Kien is-Sibt, it-13 ta' Ottubru tal-2012. Cassie ħarġet iż-żiemel mill-istalla u bla telf ta' żmien bdiet it-taħriġ tagħha. Lanqas laħqu għaddew għaxar minuti li mis-sema ma taqax biċċa tiġieġa nejja li tinżel b'sabta fuq ras Cassie. Mad-daqqa t-tfajla stordiet u waqgħet minn fuq iż-żiemel mitlufa minn sensiha u safra lellux. Ħbiebha, li kienu fil-viċin, indunaw u ċemplu jiġru l-ambulanza li **fis** ħaditha l-isptar. **(par. 2)**

Dakinhar kien sema safi u allura, minn fejn setgħet waqgħet dik il-biċċa tiġieġa? Wara stħarriġ fit-tul, il-pulizija skopriet li dik ma kinitx l-unika biċċa tiġieġa nejja li kienet waqgħet fl-inħawi. Fil-fatt kien hemm min irrapporta li kien sab xi biċċiet tat-tiġieġ fuq il-bjut u l-btieħi ta' daru. **(par. 3)**

Lil Cassie Alla ħelishielha. Imma ħadd ma seta' jifhem minn fejn kienu qed jaqgħu l-biċċiet tat-tiġieġ. In-nies tar-raħal bdew jitħassbu. **Ħadd ma seta' jsib tarf**. Kellhom jgħaddu **bosta** ġranet qabel ma l-esperti ħarġu bi spjegazzjoni xierqa. **(par. 4)**

Wieħed mill-investigaturi skopra li ftit 'il bogħod minn dan ir-raħal kien hemm post fejn jitrabbew it-tiġieġ. Dawn kienu jinqatlu sabiex jinbiegħu. **Gawwi** kbir kien jinżel u jisraq biċċiet kbar ta' tiġieġ imqatta' u jtir bihom. **(par. 5)**

Aktarx li dakinhar xi gawwi żaqqieq seraq biċċiet kbar wisq għalih. Mat-triq dan il-gawwi ma felaħx aktar u reħa minn **munqaru** l-biċċa tiġieġa li kien qed iġorr. Waħda minn dawn il-biċċiet waqgħet fuq ras Cassie u għoddha qatlitha. Mela l-każ issa kien solvut darba għal dejjem! **(par. 6)**

Cassie setgħet **baqgħet sejra għand Alla**! Imma l-passatemp favorit tagħha jibqa' l-irkib fuq iż-żwiemel. **(par. 7)**

Addattament mis-sit **WEIRD NEWS** *Raw Chicken Rains Down From The Sky*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** **(14-**

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.**

**1.** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Il-ġrajja tax-xita tat-tiġieġ seħħet fil-ħarifa. | **veru** | **falz** |
| **b.** | Dakinhar li seħħet il-ġrajja l-ajru kien imsaħħab. | **veru** | **falz** |
| **ċ.** | Waqt l-istħarriġ tal-każ, ir-raħlin kienu inkwetati. | **veru** | **falz** |

**(marka l-waħda)**

**2.** Xi kemm għadda ħin minn xħin Cassie bdiet it-taħriġ tagħha sa ma laqtitha l-biċċa tiġieġa? **(par. 2)**

______________________________ **(marka)**

**3.** Għaliex il-biċċiet tat-tiġieġ kienu jkunu nejjin?

______________________________ **(marka)**

**4.** Ikteb xi tfisser l-espressjoni b'linja taħtha:

**a.** "Cassie setgħet **<u>baqgħet sejra għand Alla</u>**!" **(par. 7)**

______________________________ **(marka)**

**5.** Fisser fi kliemek:

**a.** "**fis**" **(par. 2)**: ______________ **b.** "**bosta**" **(par. 4)**: ______________

**(marka l-waħda)**

**6.** Xi jrid jgħid biha l-awtur: "**<u>ħadd ma seta' jsib tarf</u>**", skont is-silta? **(par. 4)**

______________________________ **(marka)**

**7.** Poġġi fl-ordni. L-ewwel waħda lesta.

| | |
|---|---|
| L-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu intensivi imma ma bdew iwasslu mkien. | |
| Il-pulizija bdiet tinvestiga każ stramb ta' biċċiet ta' tiġieġ neżlin mis-sema. | **1** |
| Il-pulizija ħarġet bi spejgazzjoni li tagħmel sens u n-nies tar-raħal setgħu jieħdu r-ruħ. | |
| Wara bosta investigazzjonijiet il-pulizija fl-aħħar indunat x'kien qed jiġri. | |

**(3 marki)**

**8.** Immarka ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba. Il-ġrajja tat-tiġieġ seħħet:

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | diversi drabi u kien hemm min irrapporta li sab xi biċċiet ġo daru. | |
| **b.** | darbtejn, lil Cassie biss u hi rrapportat il-każ lill-pulizija. | |
| **ċ.** | diversi drabi u kien hemm min irrapporta li sab xi biċċiet tat-tiġieġ fuq il-bejt ta' daru. | |
| **d.** | diversi drabi imma ħadd ma rrapporta li sab xi biċċiet tat-tiġieġ fuq il-bejt ta' daru. | |

**(marka)**

**9.** Għal min qed tirreferi l-ittra "**u**" fil-kelma "**munqar<u>u</u>**"? **(par. 6)**: ______________ **(marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **ki)** |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Imla l-vojt b'**partiċella magħquda mal-artiklu**. | It-tfajla ħarġet iż-żiemel __________ istalla. |
| **2.** | Aqta' linja taħt **il-verb** ta' din is-sentenza. Wara agħti l-**mamma** u l-**għerq** tiegħu. | **a. Cassie toqgħod l-Amerka.**<br>**b.** Il-mamma: __________<br>**ċ.** L-għerq: __________ |
| **3.** | Nissel **nom** mill-verb **jinkwetaw**. | Meta Cassie stordiet ommha u missierha kienu se jmutu bl- _____________ . |
| **4.** | Immarka f'liema temp qiegħed il-verb **seħħet** fis-sentenza:<br>"Għodwa minnhom **seħħet** ġrajja stramba." | ☐ passat/perfett<br>☐ preżent/imperfett<br>☐ futur |
| **5.** | Ikteb **nom komuni u nom propju** mis-sentenza: | **Cassie kienet tiġri biż-żiemel fil-kampanja.**<br>**a.** nom komuni: ____________<br>**b.** nom propju: ____________ |
| **6.** | Aqta' linja taħt in-**nom verbali** t-tajjeb. | In-nies tar-raħal inħakmu minn ( **biżgħa, biża', beżżiegħa** ) kbir. |
| **7.** | Imla l-vojt b'**nom verbali** minn **w-q-għ**. | Bil- ______________, Cassie stordiet u ntilfet minn sensiha. |

**(marka l-waħda)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| Taqsima Ċ. Il-Letteratura | a) |
|---|---|

**Ċi. Il-Poeżija (Nadriet 1 ta' Tarċisju Zarb)** **(10**

**1.** Din hija silta mill-poeżija **Tifħira lil Malta** ta' **Ġan Anton Vassallo**.

**U xi ngħid mill-għasel tiegħek,**
**liema bniedem ma jfaħħrux?**
**Jekk iduru d-dinja kollha**
**<u>oħla</u> minnu ma jsibux.**

**a.** Sib mis-silta żewġ kelmiet li jirrimaw: ________________________________________.

**b.** X'tissejjaħ it-tip ta' strofa li tidher fis-silta? ________________________________________.

**ċ.** Xi tfisser il-kelma "**oħla**"? ________________________________________.

**(marka l-waħda)**

**2.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Fil-poeżija **Lil Ommi**, il-poeta jitlob lil ommu ttennilu | | "il-għanja ta' dari". |
| | | | "il-għanja tax-xagħri". |
| | | | "il-għanja tar-riħ". |
| | | | |
| **b.** | Il-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem**, hija mibnija fuq il-versi | | tal-erbgħa. |
| | | | tas-sitta. |
| | | | tal-għaxra. |
| | | | |
| **ċ.** | Fil-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett**, il-ħarruba twissi lill-poeta li | | s-siġar se jibdew jitkellmu. |
| | | | n-natura darba tinqered. |
| | | | missirijietna mhux se jiġu iżjed. |
| | | | |
| **d.** | Fil-poeżija **Ritratt ta' Toninu man-Nanna**, il-poeta jqabbel żewġ | | ġenerazzjonijiet. |
| | | | ritratti. |
| | | | qomos. |

**(marka l-waħda)**

**3.** Aqta' linja taħt **WAĦDA** mill-poeżiji t'hawn taħt u ikteb x'għoġbok l-aktar fiha.

***distanza* – Tarċisju Zarb, *Il-Ħerża* – Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* – Rużar Briffa, *Dik Mewġa!* – Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* – Victor Fenech, *Raħal Twelidi* – Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies Tal-Fanali* – Anton Buttigieg, *Xita* – Mary Meylak.**

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**(3 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċii. In-Novelli (Stejjer tal-Linka ta' Tarċisju Zarb)** **ki)**

**1.** Agħti **żewġ** raġunijiet biex turi li fl-istorja **Tarċisinu**, it-tifel kien distratt.

**a.** ____________________________________________

**b.** ____________________________________________

**(2 marki)**

**2.** Iddeskrivi lil **Jason Grima**.

____________________________________________

____________________________________________

**(2 marki)**

**3.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | F'**L-Istorja ta' Jo** t-tfajla jeħtieġ titgħallem | | b'mod differenti minn ħaddieħor. |
| | | | l-istess bħal ħaddieħor. |
| | | | is-somom biss. |
| **b.** | Fl-istorja **Il-Kokka u l-Werżieq**, naraw lill-kokka tagħmel sensiela ta' | | istruzzjonijiet. |
| | | | mistoqsijiet. |
| | | | stqarrijiet. |
| **ċ.** | Fl-istorja **L-Aħħar Merill tad-Dinja** l-awtur juri kif kien qed iħossu l-merill waqt li kien qed jgħanni billi jikteb li huwa | | kellu qalbu maqsuma. |
| | | | kien ferħan se jtir. |
| | | | kien mejjet bil-għatx. |

**(marka l-waħda)**

3. Agħżel **WAĦDA** minn dawn l-istejjer u ikteb paragrafu ta' mhux iktar minn **30 kelma** dwar xi aspett tal-ħajja li ġagħlitek tirrifletti dwaru.

**Jason Grima** **JEW** **L-Istorja ta' Jo** **JEW** **Il-Kokka u l-Werżieq**

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

**(3 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ċ. iii. Ir-Rumanz (Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi)**

**1.** Kompli dawn is-sentenzi.

**a.** Zito Zandarell qabeż minn fuq il-bejt biex ______________________________.

**b.** It-tifel ta' Christine ______________________________.

**ċ.** Minbarra Christine, ______________________________.

**d.** Zito ressaq il-ħawt ______________________________.

**e.** Salvina xandret ______________________________.

**(marka l-waħda)**

**2.** Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

**a.** Fejn iltaqgħu għall-ewwel darba ma' Zito Zandarell it-tfal?

______________________________

**b.** Ma' min iġġieled Zito l-iskola minħabba l-kanarin ta' Lorella?

______________________________

**ċ.** Kif tilfet id-dawl t'għajnejha Katya?

______________________________

**d.** Għaliex Zito ngħata passaport falz?

______________________________

**e.** X'għamel Zito biex ħeles minn Saborra?

______________________________

**(marka l-waħda)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Taqsima D. Il-Kitba (... a)

**Di. Il-kitba funzjonali** **(6 ...)**

Immaġina li inti impjegat tal-kumpanija tal-mowbajls MOTIA li għadha kemm ħarġet mowbajl ġdi... Ħafna klijenti qed jiktbulek ittri elettroniċi biex jitolbuk informazzjoni dwaru. Ikteb **ittra elettronika** ta' bejn **40 u 60 kelma** f'isem il-kumpanija MOTIA lil wieħed minn dawn il-klijenti u agħtih l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-prodott biex tħajru jixtrih. Ikteb ukoll is-suġġett tal-ittra.

| | |
|---|---|
| **Lil:** | cassar_2000@warda.mt |
| **Mingħand:** | info_motia@poste.mt |
| **Is-Suġġett:** | ______________________________ |



Sa Cassar,

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

Dejjem tiegħek,
B. Bonnici
Il-Maniġer tar-Reklamar *Motia*

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Dii. Il-Komponiment** **ka)**

StudentBounty.com

Immarka ✓ ħdejn **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **200 ke** fil-linji pprovduti.

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Il-vaganza tal-ħolm tiegħi. Kif tixtieqha tkun?** | |
| **2.** | **Avventura stramba li kelli ma' sħabi taċ-Ċentru.** | |
| **3.** | **Hemm xogħol li jagħmluh in-nisa biss u hemm xogħol li jagħmluh l-irġiel biss. Taqbel ma' dan? Għid għaliex u agħti eżempji biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek.** | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers